**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 187/2018**

**GS (l-ilmentatur)**

**vs**

**Eagle Star (Malta) Ltd. (C104) bhala**

**Agent ta' Zurich Assurance Limited**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tas-17 ta' Marzu 2020**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatur jissottometti li meta l-polza tal-assikurazzjoni kienet ser timmatura fl-24 t'Ottubru 2017, hu gie infurmat bil-miktub li l-assikuraturi kienu qed joffru s-somma ta' €18,687.69, liema ammont kien ferm anqas mis-somma indikata lilu fil-mument tal-bejgh tal-polza li xtara madwar l-24 t'Ottubru 1984, jigifieri s-somma ta' Lm39,000 (ekwivalenti ghal €90,854), liema somma indikata kienet ir-raguni primarja li hu dahal f'kuntratt *long-term* ta' 33 sena mal-provditur tas-servizz.

L-ilmentatur stqarr li meta xtara l-polza, hu kellu 22 sena u haseb li l-ammont imwieghed kellu jkun somma sabiha ghall-bzonnijiet tieghu u tal-familja madwar 33 sena wara u, ghalhekk, kienet '*worth it*'. Hu stqarr li l-*premium* li kien ihallas kien ta' piz mhux zghir tenut kont tas-salarju li hu kellu dak iz-zmien.

Ghaldaqstant, hu qed jippretendi li ghandu jithallas l-ammont intier illi kien gie mwieghed lilu f'Ottubru 1984, meta originarjament xtara l-polza, u dan *in visto* tal-fatt li kien unikament minhabba l-ammont imwieghed lilu li hu ddecieda li jiehu din il-polza. L-ilmentatur qal li kieku dakinhar gie offrut Lm8,000, li hu *circa* l-ammont li qed jigi offrut lilu illum, certament li ma kienx jidhol ghal piz twil ta' 33 sena biex il-polza thallas *return* daqshekk mizeru.

Ghalhekk, it-talba tieghu hi li l-provditur tas-servizz ihallas lilu l-ammont ta' €90,854 (Lm39,000) kif kien imwieghed lilu.

**Ra t-twegiba tal-provditur tas-servizz li hija fis-sens:**

Illi t-talbiet tal-ilmentatur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante:

1. Illi fil-ewwel lok, is-socjetà esponenti tixtieq taghmel referenza ghall-Artikolu 21(1)(b) tal-Att Dwar l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid hekk kif gej:

   '*L-Arbitru ghandu jkollu l-kompetenza li jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tieghu taht l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun sehhet **<u>fl-ewwel ta' Mejju 2004 jew wara</u>**: izda lment dwar imgiba li tkun sehhet qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att ghandu jsir lill-Arbitru sa mhux aktar tard minn sentejn minn meta dan il-paragrafu jidhol fis-sehh.'*

   Minn dan l-Artikolu johrog car illi l-Arbitru ghandu kompetenza li jisma' ilmenti fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun sehhet fl-1 ta' Mejju 2004, jew wara, basta fir-rigward ta' imgiba li tkun sehhet bejn l-1 ta' Mejju 2004 u t-18 ta' April 2016, l-ilment isir fi zmien sentejn mit-18 ta' April 2016.

   Minhabba illi l**<u>-polza in kwistjoni giet mibjugha fis-sena 1984</u>**, u jidher illi l-vertenza hija dwar l-imgiba ta' *Mediterranean Insurance Brokers Limited* (C3540)(MIB) fil-mument tal-bejgh tal-istess polza, kif spjegat fit-Taqsima D tal-ilment, fl-umli fehma tas-socjetà esponenti, l-Arbitru ma ghandux kompetenza sabiex jisma' u jiddeciedi l-mertu dwar l-ilment in kwisjtoni u, ghalhekk, ghandu jiddikjara ruhu inkompetenti biex jiddeciedi din il-kawza.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà esponenti m'hijiex il-legittimu kontradittur fl-ilment odjern u, ghalhekk, hemm nuqqas ta' integrità tal-gudizzju fil-konfront tas-socjetà esponenti minhabba illi l-polza in kwistjoni giet mibjugha lill-ilmentatur minn ***<u>broker</u>*** u, *cioè*, minn MIB u dan kif jirrizulta mill-ilment innifsu. F'dan ir-rigward, huwa risaput li l-**<u>*broker* huwa l-agent tal-assikurat mhux tal-kumpanija</u>**

**assikuratrici u kwindi informazzjoni moghtija lill-assikurat mill-*broker* ma hix meqjusa bhala informazzjoni moghtija mill-assikurazzjoni.**[1] Fil-fatt qed jigu hawn annessi ma' dan l-ilment Dok. ES1, ES2, ES3, ES4 u ES5, illi lkoll jikkonfermaw illi s-socjetà MIB kienet il-*broker* tas-socjetà esponenti u l-agent tal-ilmentatur u li ghalhekk is-socjetà esponenti mhijiex responsabbli ghall-azzjonijiet u ommissjonijiet tal-MIB *vis-a-vis* l-assikurat. Ghalhekk, a bazi ta' dan il-principju ma jaghmilx sens li l-ilmentatur iressaq l-ilment tieghu kontra s-socjetà esponenti. Semmai, **l-ilmentatur kellu jressaq dan l-ilment kontra l-*broker* tieghu l-MIB li assistih biex jakkwista din il-polza**. Ir-relazzjoni tas-socjetà esponenti mal-ilmentatur hija irregolata limitatament mill-kuntratt tal-polza innifsu (vide Dok. 1 anness mal-ilment) flimkien mal-*proposal form* (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ES6). In vista ta' dan, filwaqt illi s-socjetà esponenti ghandha tigi illiberata mill-osservanza tal-gudizzju ta' dan l-ilment, qieghda tirriserva d-dritt illi tikkjama fil-kawza lil dan il-*broker.*

F'dan il-kuntest, is-socjetà esponenti tixtieq tindirizza dak li qal l-ilmentatur fit-tielet pagna tal-*affidavit* tieghu u, *cioè,* illi *'Eagle Star bhala principal hija tenuta kompletament responsabbli ghall-atti u l-ommissjonijiet tal-intermedjarji taghha'.* Dan mhux korrett ghar-ragunijiet fuq spjegati. Fl-*affidavit* tieghu, l-ilmentatur jirreferi wkoll ghall-MIB bhala '*r-rapprezentant tal-Eagle Star*', li ghar-ragunijiet fuq spjegati mhux korrett.

Fid-dawl ta' din ir-relazzjoni ta' bejn l-ilmentatur u l-*broker* in kwistjoni, l-argument illi s-socjetà esponenti ma kellhiex fil-pussess taghha l-*illustrations* ma jregix. Fuq dan il-punt, is-socjetà esponenti tixtieq taghmel referenza ghall-*affidavit* tal-ilmentatur, partikolarment, ghall-paragrafu 3 fit-tieni pagna tal-*affidavit,* fejn l-ilmentatur jghid illi '*Ir-risposta taghhom kienet li ma kienx hemm htiega ta' illustrazzjoni bhal din, billi s-salesman taghhom kien jipproduci l-illustrazzjoni fuq l-ahhar rati ddikjarati minn Eagle Star dak iz-zmien, jigifieri 5% fuq somma assikurata u 6% fuq reversionary bonus'.* Is-socjetà esponenti tixtieq

[1] *Azzopardi Vincent vs Middle Sea Insurance Co. Ltd.,* deciza mill-Prim'Awla, Qorti Civili, preseduta mill-Imhallef Tonio Mallia fis-16 ta' Mejju 2002. Il-principju li l-agent u l-*broker* jagixxu bhala l-mandatarji tal-assikurat u mhux tal-assikurazzjoni kien ukoll ikkonfermat f'sentenza tal-Qorti Civili tal-Appell (Inferjuri), preseduta mill-Imhallef Philip Sciberras fit-28 ta' April 2004, fl-ismijiet *Spiteri Angelo vs Citadel Insurance p.l.c.*

tindirizza dan il-punt billi tirreferi ghad-Dok. 7 (anness mal-ilment) li jipprovdi illi '*When you started the policy* _*the practice*_ *was for the salesman to provide the client with a quotation based on the latest bonus declaration. Therefore,* _*we are aware of the values*_ *wich would have been provided* _*without the need to keep copies of individual illustrations*_*.*' Dan juri illi s-socjetà esponenti ma qalitx illi MIB ma kellhiex ghalfejn tohrog illustrazzjonijiet, pero, ma kienx hemm il-htiega illi s-socjetà esponenti izzomm kopja taghha minhabba l-illustrazzjonijiet kellhom jinhargu *ai termini* ta' *Illustration Table* li kienet mahruga mill-Principal tas-socjetà esponenti minn zmien ghall-iehor, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel. Barra minn hekk, illustrazzjonijiet kienu jinhargu ghax kienet il-prattika kemm f'Malta kif ukoll l-Ingilterra illi jaghmlu dan izda ma kinetx obbligatorja bil-ligi. Semmai kienet MIB illi kienet obbligata illi tghaddi kopja tal-*Illustration* lill-ilmentatur u mhux is-socjetà esponenti minhabba illi l-assikurat kien il-klijent tal-MIB qabel il-hrug tal-polza in kwistjoni. Minkejja dan kollu, jidher illi MIB kienet, fil-fatt, harget illustrazzjonijiet ghax fl-*affidavit* tieghu stess (*vide* para 3 tal-pagna 1 tal-*affidavit*), l-ilmentatur jikkonferma illi '*Niftakar li kont* _**gejtipprezentat b'illustrazzjonijiet**_ *dwar l-element ta' investiment tal-polza b'alternattivi varji ta' ammonti mwieghda li jithallsu fid-data tal-maturità naturalment a bazi tas-somma assikurata u skont it-tul taz-zmien tal-polza.*'

3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà esponenti tixtieq tirreferi ghall-fatt allegat mill-ilmentatur illi l-*maturity value* fir-rigward tal-polza in kwistjoni li huwa fl-ammont ta' Euro18,687.69 ma kienx ekwivalenti ghal dak li allegatament gie imwieghed lill-ilmentatur mill-MIB fil-mument tal-bejgh tal-polza in kwistjoni. Konsegwentement, l-ilmentatur qieghed jitlob lill-Onorabbli Arbitru jiddikjara u jiddeciedi illi s-socjetà esponenti tigi ordnata thallsu is-somma ta' Euro90,854 (Lm39,000) fir-rigward tal-polza bin-numru 653703.

   F'dan ir-rigward, is-socjetà esponenti hija tal-umli fehma illi jekk ghall-grazzja tal-argument biss, nassumu li l-ilmentatur sofra xi danni u, ghalhekk, huwa dovut xi kwalsiasi kumpens a favur tieghu, u dan

ovvjament mhuwiex il-kaz u mhuwiex ammess, l-ammont ta' kumpens dovut lilu ma jistax ikun dak li qed jitlob f'Taqsima D tal-ilment.

Dan qed jinghad minhabba s-segwenti ragunijiet:

a) Is-socjetà esponenti tixtieq tirreferi ghal-*Life Fund Bonuses As At 31st December 1981 Malta – Ordinary with Profit Policies' illustration table* (aktar 'l isfel maghrufa bhala 'l-*Illustration Table'*) li kienet mahruga mill-Principal tas-socjetà esponenti u, *cioè,* mis-socjetà assikuratrici li harget il-polza in kwistjoni, liema *Illustration Table* kienet fil-pussess tal-MIB u kienet applikabbli ghaz-zmien tal-hrug tal-polza in kwistjoni (kopja tal-*Illustration Table* hija hawn annessa u immarkata bhala Dok. ES7). Mill-*Illustration Table* jirrizulta li l-*estimated maturity value* ghall-polza in kwistjoni kellha tkun fl-ammont ta' Euro31,866 (LM13,680) (u zgur mhux '*izjed minn Euro40,000'*, kif qed jghid fl-ewwel paragrafu tat-tielet pagna tal-*affidavit* tieghu l-ilmentatur) li kienet ibbazata fuq ir-rati ta' dak iz-zmien u, *cioè,* 5% tas-*sum assured* u 6% tar-*reversionary bonuses*. Ghalhekk, l-ammont ta' Euro90,854 qatt ma seta' jirrizulta minn din l-*Illustration Sheet;*

b) L-*Illustration Table* tghid li l-*Maturity Values* indikati kienu *'estimated'* u jintuzaw il-kliem 'The table below **illustrates** the values payable on death or maturity per Lm1000 initial sum assured ***if (a) the above rates of reversionary bonus are maintained throughout the duration of the policy AND b) the above terminal bonus is allocated on Death or Maturity'.*** Ghalhekk, l-ammont ta' Euro31,866 kien biss stima (*estimate* jew *illustration*) ibbazat fuq ir-rati ta' qligh li kienu qed jintuzaw dak iz-zmien. Kieku wiehed seta' jiehu l-ammont tal-imsemmija stima sabiex jiddetermina l-kumpens allegatament dovut lill-ilmentatur, allura, ifisser li l-*Estimated Maturity Value* inkluz ir-*Reversionary Bonuses* u t-*Terminal Bonuses* issa jkunu gew moghtija tifsiriet ferm differenti minn dik ta' stima (*estimate* jew *illustration*) (hekk kif kienu gew uzati dak iz-zmien u kif jinfthemu bit-tifsira normali tal-kliem) u jiehdu minflok tifsira zbaljata ta' ammonti garantiti, sabiex konvenjentement l-ilmentatur jista' jivvanta l-pretensjoni infondata tieghu. L-*estimated maturity value* bl-ebda mod ma seta' kien garantit minhabba illi kien ser ikun affettwat mill-prestazzjoni tal-investiment

sottostanti. Fis-snin ricenti, l-prestazzjoni tal-investiment kienet aktar baxxa. Fil-fatt, il-*bonus rates* kienu bdew nezlin mis-sena 1991;

c) Minkejja illi l-ilmentatur jghid fl-*affidavit* tieghu illi huwa kien pprezentat b'illustrazzjonijiet varji mill-MIB, l-ilmentatur ma pprezenta l-ebda prova dokumentarja in sostenn tal-allegat weghda li saret mill-MIB. In oltre, is-socjetà esponenti hija tal-umli fehma illi minhabba illi fl-*affidavit* tieghu, l-ilmentatur jikkwota r-rati tal-5% u 6% imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-paragrafu, allura, dan jindika illi MIB kienet fil-fatt uriet din l-*Illustration Sheet* lill-ilmentatur fil-mument tal-bejgh tal-polza in kwistjoni;

d) Is-socjetà esponenti tixtieq izzid illi l-polza in kwistjoni mhijiex xi tip ta' polza kumplessa partikolarment ghall-ilmentatur li jikkonferma illi huwa kien fehem il-karatteristici taghha, fosthom, illi kien fiha element ta' investiment. In oltre, l-ilmentatur kien u ghadu intiz fuq l-assikurazzjoni minhabba illi dak huwa xogholu u l-ilmentatur kien jahdem mal-MIB fiz-zmien tal-hrug tal-polza in kwistjoni u ghalhekk kellu access ghall-informazzjoni u d-dokumenti kollha fosthom ghall-*Illustration Table* fuq imsemmija. Tenut kont tal-professjoni tal-ilmentatur, jirrifletti illi l-ilmentatur kellu livell ta' intelligenza u gharfien dwar is-suggett bizzejjed sabiex jifhem illi l-ammont allegatament imwieghed lilu kien hafna aktar mill-*estimated maturity value*;

e) Is-socjetà esponenti tixtieq izzid illi l-polza in kwistjoni kienet intiza biex tinbiegh lil individwi bhalma huwa l-ilmentatur;

f) Il-polza in kwistjoni inbieghet *ai termini* tar-regoli u prattika ta' dak iz-zmien illi nbieghet il-polza in kwistjoni u, ghalhekk, dak li inghad mill-ilmentatur dwar x'kien jaghmel meta kien qed jahdem ma' *Assicurazioni Generali SpA* bejn is-snin 1996 u 1998 mhux relevanti ghax il-polza in kwistjoni kienet inbieghet fl-1984 u r-regoli tal-1996 – 1998 ma kinux japplikaw ghall-polza in kwistjoni;

g) Is-socjetà esponenti u l-Principal taghha dejjem agixxew bl-akbar *bona fede vis-a-vis* l-assikurati taghhom f'kull stadju:-

Is-socjetà esponenti tixtieq taghmel referenza ghall-*Code of Conduct* mahrug minnhom sabiex jirregola l-imgiba tas-*salesman* u l-*brokers* taghha inkluz MIB (kopja tal-*Code of Conduct* huwa anness u mmarkat bhala Dok. ES8). Dan il-*Code of Conduct* kien jaghmilha cara illi '*Where a policy offers participation in profits, or otherwise, depends on variable factors such an investment performance, descriptions of the benefits shall distinguish between fixed and projected benefits'* (*vide* Clause B2); '*Where projected benefits are illustrated, it should be made clear, where applicable, that they are based on certain assumptions, e.g. about future bonus declarations, and hence are not guaranteed, and these assumptions should be stated. In the case of with-profits business, it should be clear that bonus declared in the future may be lower or higher than those currently quoted. Thus past performance may not necessarily be a guide to future performance*.' (*vide* Clause B3);

Anke wara l-hrug tal-poloz in kwistjoni sad-data tal-immaturar taghhom, is-socjetà esponenti u l-Principal taghha baqghet tagixxi *in bona fede*. Il-Principal tas-socjetà esponenti dejjem immanigjat il-fond maghruf bhala *90:10 With Profits Fund* fl-ahjar interess tad-detenturi tal-poloz taghha. L-immanigjar tal-fond huwa taht skrutinju tal-*management* ezekuttiv u tal-*investment committees* tal-Principal tas-socjetà esponenti, taht skrutinju tal-attwarji, l-*Principles and Practices of Financial Management* kif ukoll taht skrutinju tal-*Prudential Regulation Authority* u l-*Financial Conduct Authority* fl-Ingilterra u tal-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. L-andament tal-istess fond huwa kompletament u dejjem soggett ghal dawk il-kambjamenti u caqlieq ta' valuri fis-swieq kemm finanzjarji, kemm ta' proprjetà immobili u kif ukoll ohrajn illi gewwa fihom tinvesti s-socjetà esponenti. L-ebda indikazzjoni ta' kif jista' jizviluppa l-valur tal-investiment ma jista' qatt jittiehed bhala vangelu u, kif jaf kulhadd, il-valur tal-investiment jista' joghla kif ukoll jinzel u l-passat m'huwiex garanzija tal-futur. Id-dimunuzzjoni fil-valur tal-*estimated maturity value* fl-ammont ta' Euro31,866 ghall-*maturity value* fl-ammont ta' Euro18,687.69 ma huwa xejn hlief riflessjoni tal-andament tal-investimenti u tal-fond hawn fuq imsemmi tul il-perjodu kollu li ilhom fis-sehh dawn il-poloz. B'dan però illi jekk wiehed jaghmel analizi dettaljata fejn jittiehdu in konsiderazjoni il-fatturi kollha (u mhux uhud biss minnhom) wiehed jasal

ghall-konkluzjoni li xorta wahda dik il-parti tal-poloz in kwistjoni li hija l-parti tal-investiment (u mhux il-parti tal-assikurazzjoni fuq il-hajja) marret tajjeb tul il-kors tal-perjodu tal-polza *de quo.*

Irid jinghad ukoll illi ta' kull sena, is-socjetà esponenti dejjem zammet lill-ilmentatur mgharraf b'dak li kien qed jigri fid-dettall bl-andament tar-rati tal-imghax li kienu qeghdin jigu ikkreditati lill-polza *de quo* billi forniet lill-ilmentatur (kif ghamlet ovvjament mad-detenturi tal-poloz kollha taghha) bil-valuri attwali tal-polza *de quo*, permezz tal-*Bonus Statements.* Il-*Bonus Statements* kienu juru l-progressjoni fit-tkabbir tal-polza minn sena ghal sena u l-ilmentatur kellu jkun konxju bis-shih dwar kif il-polza kienet qed tikber minn sena ghal sena. Barra mill-*Bonus Statements,* is-socjetà esponenti kienet ukoll tibghat ittra lill-assikurati taghha fejn tispjega fid-dettall dwar il-polza bhal dik in kwistjoni u l-fond fuq imsemmi. (Kopja ta' *Bonus Statement* u ittri li kienu jintbaghtu lill-assikurati huma hawn annessi u immarkati bhala Dok. ES9, ES10 u ES11). L-ittri mahruga jispjegaw b'mod car illi l-*maturity value 'is not guaranteed and what you actually receive at maturity can be higher or lower than the amount quoted.'*

Irid jinghad ukoll illi l-polza *de quo*, apparti l-element ta' investiment, li l-ilmentatur kien konxju dwarha, u li hija s-suggett principali ta' din il-vertenza, kellha wkoll tkopri r-riskju tal-mewt tal-assikurat matul il-kors tal-perjodu tal-istess polza, liema kopertura ovvjament ghandha prezz u liema prezz qed jigi totalment injorat mill-ilmentatur fl-ilment tieghu. L-ghan tal-polza in kwistjoni kien li jipprovdi pagament hieles mit-taxxa meta timmatura l-polza u beneficcju garantit pagabbli fil-kaz ta' mewt qabel il-maturità tal-polza. L-ammont li seta' kien garantit fuq il-polza in kwistjoni kien il-*Basic Sum Assured* ta' Euro4,658.75 (Lm2,000) flimkien mal-*bonuses* li kienu iddikjarati matul is-snin u dawn kienu jithallsu meta timmatura l-polza jew jekk l-ilmentatur kien imut wara nofsinhar tal-24 t'Ottubru 2014 u qabel il-maturità tal-polza in kwistjoni. Din il-*Basic Sum Assured* kienet tithallas ukoll f'kaz ta' mewt qabel nofsinhar tal-24 t'Ottubru 2014, flimkien mal-*Convertible Term Assurance* fl-ammont ta' Lm25,000. Fil-fatt, il-kuntratt tal-polza in kwistjoni jghid b'mod car illi '*This Policy witnesses that in consideration of the payment to EAGLE STAR*

*INSURANCE COMPANY LIMITED (hereinafter called 'the Company') of the first premium for the Assurance the particulars of which are stated in the First Schedule hereto and of the subsequent premiums if any to be paid as thereby provided the Company hereby grants the Assurance described in the said First Schedule and* ***will pay the Sum Assured*** (emfasi mizjud) *on the happening of the event(s) therein stated at its Principal Office in Malta'*. Dan juri illi s-socjetà esponenti ottemporat mal-obbligi kuntrattwali taghha ghax lahqet l-ghanijiet tal-polza in kwistjoni meta l-istess polza lahqet il-*maturity value* fl-ammont ta' Euro18,687.69. Ghalhekk, minkejja t-tnaqqis ricenti fir-rati tal-*bonus* matul iz-zmien, xorta wahda l-polza in kwistjoni kienet investiment siewi ghaliex minbarra l-*'Maturity Value'* hieles mit-taxxa, il-polza ipprovdiet ukoll kopertura fuq il-hajja li mhux generalment disponibbli taht forom ohra ta' tfaddil regolari.

Mill-bidu tal-polza, l-ilmentatur kien informat illi kien hemm element ta' investiment u li l-*bonuses* ma kinux mandatorji izda kien fid-diskrezzjoni tal-Principal tas-socjetà esponenti illi tiddikjara jew ma tiddikjarax dawn il-bonuses. In oltre, irid jinghad illi ladarba *bonus* gie iddikjarat kien fil-fatt garantit.

4. Finalment, is-socjetà esponenti tixtieq tishaq ghall-ahhar darba illi hija qatt fl-esekuzzjoni tal-kuntratt relattiv u, *cioè*, fir-rigward tal-polza bin-numru 653703, ma kienet inadempjenti jew agixxiet b'mod qarrieqi; ma kisret ebda termini pattwiti bejn il-partijiet; u ma zgwidatx lill-ilmentatur fl-ebda stadju; u, ghalhekk, m'ghandhiex tkun ordnata sabiex thallas kumpens lill-ilmentatur jew spejjez ta' din il-procedura li saret inutilment mill-ilmentatur, hekk kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-ilment.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

***Eccezzjonijiet Preliminari***

L-ewwel eccezzjoni hi dwar il-kompetenza tal-Arbitru *ai termini* tal-Artikolu 21(1)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-provditur tas-servizz jghid li galadarba il-polza inbieghet fis-sena 1984, u jidher li l-ilment huwa dwar il-mod kif inbieghetlu l-polza mill-*Mediterranean Insurance Brokers* (MIB), allura, l-Arbitru m'ghandux kompetenza.

Però l-ilmentatur mhux biss qed jilmenta dwar il-bejgh tal-polza izda qed jghid li meta l-polza kienet ser timmatura fl-24 t'Ottubru 2017, gie infurmat mill-*Eagle Star (Malta) Ltd* li kienu qed joffrulu somma ferm anqas minn dik indikata fil-mument tal-bejgh. Ghalhekk, l-ilment huwa bazikament li l-provditur tas-servizz ma kienx zamm kelmtu u kien qed joffrilu somma ferm inferjuri u, ghalhekk, l-ilment huwa fil-konfront tal-imgiba tal-provditur tas-servizz kemm fil-mument tal-bejgh u, daqs,  jekk mhux aktar, meta fl-2017 il-provditur tas-servizz offrielu somma inferjuri ghal dik li skont l-ilmentatur kienet miftehma.

Ghalhekk, l-imgiba ilmentata tkopri kemm l-att tal-bejgh kif ukoll dak li qed jigi allegat mill-ilmentatur: li l-provditur tas-servizz naqsu wkoll fl-24 t'Ottubru 2017 meta offrielu somma li skont l-ilmentatur kienet inferjuri.

Dwar din l-eccezzjoni, l-Arbitru jinnota li l-provditur tas-servizz jaghmel biss referenza ghall-Artikolu 21(1)(b), izda, dan il-kaz ma jinkwadrax ruhu biss f'dan is-subartikolu. Dwar kompetenza tal-Arbitru, il-legizlatur ipprovda wkoll fis-subartikolu '1(c)' u '1(d)' tal-istess Artikolu 21.

Fl-Artikolu 21(1)(c), il-Kap. 555 jipprovdi sitwazzjoni fejn l-imgiba tal-provditur tas-servizz tkun kompletament sehhet wara d-dhul fis-sehh tal-Kap. 555 u, f'dak il-kaz, l-ilmentatur irid ikun ressaq l-ilment mal-provditur tas-servizz sa zmien sentejn minn meta seta' jinduna bl-imgiba tal-provditur tas-servizz.

Izda l-legizlatur jikkontempla wkoll it-tielet xenarju fejn l-imgiba tal-provditur tas-servizz tkun wahda kontinwata.

Fil-fatt, l-Artikolu 21(1)(d) jipprovdi dan li gej:

*'Ghall-fini ta' dan is-subartikolu, imgiba li tkompli fix-xorta ghandha tigi prezunta li tkun sehhet fiz-zmien meta tkun waqfet, u imgiba li tkun tikkonsisti minn serje ta'atti jew ommissjonijiet ghandha tigi prezunta li tkun sehhet meta l-ahhar minn dawk l-atti jew ommissjonijiet ikunu sehhu'.*

F'dan il-kaz, l-ilmentatur qed jissottometti li filwaqt li kien qed isir il-bejgh huwa gie imwieghed somma partikolari, izda l-provditur tas-servizz naqsu wkoll, jekk mhux l-aktar, meta ma zammx kelmtu u offrielu somma ferm inferjuri fid-data tal-maturità, jigifieri fl-24 t'Ottubru 2017. Dan ifisser li n-nuqqas *o meno* tal-provditur tas-servizz kien wiehed kostanti u, filwaqt li kien hemm nuqqas waqt il-bejgh tal-polza, il-qofol tal-imgiba tal-provditur tas-servizz sehhet fid-data tal-maturità tal-polza, jigifieri fl-24 t'Ottubru 2017, meta l-ilmentatur gie offrut somma anqas minn dak imwieghed.

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell[2] f'kazi simili hafna ghal dak odjern, l-effett tal-polza kien kontinwat u l-provditur tas-servizz allegatament naqas meta biegh il-polza u, allegatament, naqas l-aktar fid-data tal-maturità tal-polza meta kien digà fis-sehh il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghall-kumplament, l-Arbitru jaghmel tieghu l-argumenti tal-Qorti tal-Appell fis-sentenzi msemmija f'dan ir-rigward.

Ghalhekk, l-Artikolu 21(1)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax u l-Arbitru ghandu l-kompetenza li jiddeciedi dan l-ilment.

**L-Eccezzjoni dwar Legittimu Kontradittur**

Il-provditur tas-servizz jghid li m'huwiex il-legittimu kontradittur ghaliex il-*broker* f'dan il-kaz kienet l-MIB u l-*broker* jirrapprezenta lill-assikurat u mhux lill-assikurazzjoni.

F'dan ir-rigward, dwar l-aspett guridiku ta' min hu legittimu kontradittur, l-Arbitru jaghmel referenza ghal dak stabbilit fil-gurisprudenza taghna.

In linea ta' principju generali, kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited***, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 t'April 2008:

'*Huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'gudizzju trid, necessarjament, titwieled minn rapport guridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, lezjoni ta' dritt minn intervent delittwuz jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad ezempju, f'kondominju jew*

[2] *Tarcisio Tabone vs MAPFRE MSV Life p.l.c.,* deciza 6 ta' Mejju 2019; *Joseph Vella vs MAPFRE MSV Life p.l.c.,* deciza fil-25 ta' Marzu 2019

*il-krejazzjoni ta' certi servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawza ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop taghha jekk mhux fil-konfront ta' dak li mieghu l-attur, ghal xi wahda mill-konnessjonijiet accennati, ghandu relazzjoni guridika*.'

Kif spjegat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Burmarrad Commercials Limited vs Desmond Mizzi et,*** **deciza fit-28 ta' Frar 2007**:

'*b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem dak l-att jew pluralità t'atti konnessi li jimmiraw ghall-produzzjoni t'effetti guridici fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar*.'

Il-Qorti kompliet billi qalet:

'*Huwa ferm evidenti minn natura u l-kontenut ta' dawn l-aggravji illi dak li jitqies primarju li jigi investigat hi x-xorta ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet in kwantu minnha jrid imbaghad jirrizulta jekk l-appellanti kellux jitqies bhala l-legittimu kontradittur di fronte ghas-socjetà attrici*.'

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et*****, deciza fil-5 t'Ottubru 2001,** mill-Qorti tal-Appell Inferjuri dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur, il-Qorti sostniet li:-

'*Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kinetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa, dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn*

*haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.'*

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et,*** **deciza fit-3 ta' Ottubru 2008**, spjegat illi:

'*Min jeccepixxi li hu mhux il-legittimu kontradittur jehtieg illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu* ***ma kienx dahal f'ebda rapport mar-rikorrent noe*** *jew li m'ghadx ghandu tali rapport*.'

Applikati dawn il-principji ghall-kaz li ghandu quddiemu l-Arbitru, jirrizulta li l-MIB bhala *broker* bieghet lill-ilmentatur polza tal-provditur tas-servizz kif koncess mill-istess provditur tas-servizz li jghid li, filwaqt li hu ma kienx responsabbli ghal dak li sehh waqt il-bejgh tal-polza, huwa kellu rabta kuntrattwali mal-ilmentatur in kwantu ghall-polza tal-assikurazzjoni u l-*proposal form* li titqies li hija parti mill-polza.

Huwa fatt guridakment stabbilit li l-polza tal-assikurazzjoni hija evidenza tal-kuntratt bejn l-assikurat u l-assikurazzjoni li taghha tkun dik il-polza. Il-provditur tas-servizz stess jghid li ghalkemm il-*broker* kien qed jirrapprezenta lill-ilmentatur u mhux lill-assikurazzjoni, però, ovvjament, il-*broker* kien qed iressaq lill-ilmentatur ghand l-assikurazzjoni sabiex isir kuntratt bejniethom kif, fil-fatt, sar.

Barra minn hekk, l-ilment mhux limitat ghal dak li sehh waqt il-bejgh imma ghall-fatt ukoll, ta' importanza daqsu, li mal-maturità tal-polza, l-assikurazzjoni m'onoratx dak li l-ilmentatur allegatament jghid li gie imwieghed. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-*Eagle Star* kienet parti min-negozju u l-ahhar kelma ta' x'kellu jiehu l-ilmentatur fid-data tal-maturità tal-polza kienet taghha.

Ghalhekk, galadarba kien hemm relazzjoni guridika bejn l-ilmentatur u l-assikurazzjoni , il-provditur tas-servizz huwa legittimu kontradittur. Jekk kellux ikun wahdu bhala legittimu kontradittur hija storja ohra, u dan ser jigi ttrattat fil-mertu kif ser tigi ttrattatha wkoll ta' min kienet ir-responsabbiltà(jekk kien hemm) ghall-fatt li l-ilmentatur isostni li hu ma inghatax dak li gie mwieghed lilu.

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[3]

L-ilment ewlieni tal-ilmentatur huwa li meta l-polza tal-assikurazzjoni kienet ser timmatura, hu gie infurmat mill-provditur tas-servizz li kienet qed tigi offruta lilu s-somma ta' €18,687.69, liema ammont kien ferm anqas mis-somma indikata lilu fil-mument tal-bejgh, u liema somma kienet tammonta ghal Lm39,000 (ekwivalenti ghal €90,854). Kien minhabba din l-offerta li hu dahal f'kuntratt *long term* ta' 33 sena u, ghalhekk, qed jippretendi li jithallas l-ammont intier li kien gie mwieghed f'Ottubru 1984 meta originarjament xtara l-polza.

Mill-banda l-ohra, il-provditur tas-servizz jghid li hu ma kellux iwiegeb ghal dak li sar waqt il-bejgh ghaliex dan sar mill-MIB li kienet il-*broker* tal-assikurat u mhux l-agent taghha.

Jghid ukoll li s-somma li giet indikata lill-ilmentatur fil-mument tal-bejgh kienet biss stima ibbazata fuq ir-rati tal-qligh li kienu qed jintuzaw dak iz-zmien, jigifieri li kienet affettwata mill-prestazzjoni tal-investiment sottostanti u, ghalhekk, din l-istess somma qatt ma giet deskritta bhala garantita. Dan minbarra l-fatt li mill-*Illustration Table* jirrizulta li l-*estimated maturity value* ghall-polza kellha tkun fl-ammont ta' €31,866 (Lm13,680) u, ghalhekk, l-ammont ikkwotat mill-ilmentatur qatt ma seta' jirrizulta minn din l-istess *Illustration Sheet.*

### *Il-Verzjoni tal-Ilmentatur*

Fl-*affidavit* tieghu, l-ilmentatur iddikjara li wara xi zmien li hu beda l-impjieg tieghu mal-*Mediterranean Insurance Brokers Limited,* fl-ahhar kwart tal-1984, hu kien avvicinat mis-Sur Franco Azzopardi, li kien il-persuna li tmexxi il-*Life Division* tal-kumpanija, li bieghlu polza tal-assikurazzjoni fuq il-hajja tal-*Eagle Star Assurance Co. Limited.*

Stqarr li dak iz-zmien kien ghad ghandu 22 sena u kien ghadu kif beda jahdem. Qal li jiftakar b'mod car li Franco Azzopardi kien qallu li l-polza li kellu f'mohhu kellha tahlita ta' element ta'investiment u iehor ta' *term insurance* fejn, fi kliemu, din kellha tkun utli jekk fil-futur jiddeciedi li jixtri dar u jkollu bzonn ta' self, ma jkunx hemm il-htiega li jixtri polza tal-hajja ohra, peress li din tkopri

[3] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

wkoll l-element ta' self, apparti li thallas somma sostanzjali ta' flus fid-data tal-maturità tal-polza.

Qal ukoll li gie pprezentat b'illustrazzjonijiet dwar l-element ta' investiment tal-polza b'alternattivi varji ta' ammonti mwieghda li jithallsu fid-data tal-maturità, naturalment, a bazi tas-somma assikurata u skont it-tul taz-zmien tal-polza. L-ilmentatur stqarr li jiftakar li l-ammont ta' dhul mistenni fuq il-parti tal-investiment tal-polza kienet figura ta' Lm39,000 a bazi ta' somma assikurata ta' Lm2,000 '*with profits'* fuq terminu ta' polza ta' 33 sena. Ma' din is-somma '*with profits'*, hu kien xtara wkoll somma ohra assikurata ta' Lm25,000 fuq bazi *'convertible term assurance'* ghal perjodu ta' 30 sena.

Sahaq li meta wiehed izomm f'mohhu s-salarju annwali tieghu fl-ahhar tal-1984, li kien biss ta' Lm1,892, is-somma ta' Lm39,000 imwieghda lilu kienet offerta attraenti hafna u, fuq il-bazi ta' dan l-ammont indikat, hu ddecieda li jidhol f'kuntratt ta' 33 sena mal-*Eagle Star.*

Izda fl-2017, ftit granet qabel id-data tal-maturità tal-polza, ircieva ittra minghand il-provditur tas-servizz fejn gie ikkomunikat lilu li l-valur tal-polza fid-data tal-maturità kien ta' €18,687.69, izda, immedjatament hu kiteb lura lill-istess provditur tas-servizz fejn ipprotesta li l-ammont offrut kien inaccettabbli ghax dak kien hames darbiet inqas mill-ammont imwieghed originarjament meta xtara din il-polza fl-1984.

L-ilmentatur sahaq li l-provditur tas-servizz gab zewg argumenti. Qal li l-provditur tas-servizz ta spjegazzjoni, jew ahjar tentattiv ta' allegazzjoni, dwar kif waslet il-figura ikkwotata ta' Lm39,000 fejn, fi ftit kliem, din ic-cifra kienet ibbazata fuq il-valur tal-maturazzjoni stmat imwieghed mis-*salesman* ta' Lm13,680 biz-zieda tas-somma ta' Lm25,000 tal-*Convertible Term Assurance Sum Insured*, li jammontaw ghal Lm38,680, liema ammont hu qrib il-figura ta' Lm39,000 ikkwotata mill-ilmentatur innifsu. Ghal dan, l-ilmentatur tenna li hu jifhem tajjeb id-differenza bejn *term insurance* u *Endowment with Profits Policy* u, ghalhekk, iddikjara li c-cifra ta' Lm39,000 kienet il-valur ta' maturità imwieghed lilu fuq il-parti tal-investiment tal-polza, u kien fuq il-bazi ta' dik ic-cifra li hu kien accetta l-polza tal-assikurazzjoni tal-hajja.

L-ilmentatur qal ukoll li t-tieni argument ipprezentat lilu mill-provditur tas-servizz kien jittratta l-illustrazzjoni.

Stqarr li meta kien ikkomunika mal-istess provditur, hu specifikament staqsa biex jghaddulu kopja tal-illustrazzjoni debitament iffirmata minnu fejn qed jaccetta l-valur stmat ta' maturità ta' Lm13,680, izda ghal din it-talba hu ma rcieva l-ebda kopja tal-illustrazzjoni, u r-risposta tal-provditur tas-servizz kienet li ma kienx hemm htiega ta' illustrazzjoni bhal din billi s-*salesman* taghhom kien jipproduci l-illustrazzjoni fuq l-ahhar rati ddikjarati mill-istess *Eagle Star* dak iz-zmien, jigifieri 5% fuq somma assikurata u 6% fuq ir-*reversionary bonus.*

Hawn l-ilmentatur qajjem id-dubju dwar dan il-fatt u, ghalhekk, isaqsi kif illum il-provditur tas-servizz jista' jkun tant kunfidenti li s-*salesman* dakinhar kien ikkwotalu l-ahhar rati kif iddikjarati mill-istess provditur tas-servizz u mhux il-figura ta' Lm39,000.

L-ilmentatur afferma li ghalkemm ghadda certu zmien, hu jiftakar tajjeb illi Franco Azzopardi fl-ebda mument ma semmielu l-percentaggi ta' 5% u 6%, imma indikalu biss il-figura ta' Lm39,000.

L-ilmentatur qal li fl-ittra tat-8 ta' Mejju 2018, il-provditur tas-servizz jidher li donnu qed jistrieh fuq dak li ipotetikament kellu jaghmel is-*salesman* bla ma ghandu l-ebda prova ta' xejn jekk, fil-fatt, dan ghamlux jew le. Hu stqarr li mhux talli ma giex spjegat lilu dak li l-provditur tas-servizz qed jghid, izda kien intqal lilu li l-ammont assikurat '*with profits'* fl-ahhar tat-terminu tal-polza ser ikun Lm39,000.

Tenna ukoll li la l-provditur accetta negozju permezz ta' *salesman* jew intermedjarji, allura, *duty of care* huwa aktar minn dak normali peress li ma jkunx hemm kontroll dirett fuq dak il-bejgh u, ghaldaqstant, l-istess provditur kellu jkollu sistema tajba ta' xoghol sabiex tikkontrolla u tissorvelja l-bejgh ta' *Endowment with Profits Policies,* b'valuri ta' maturità ikkwotati skont l-istruzzjonijiet tal-kumpanija.

Hu afferma wkoll li *Eagle Star*, bhala principal, hija tenuta kompletament responsabbli ghall-atti u l-ommissjonijiet tal-intermedjarji u s-*salesmen* taghha. Hu sahaq li jidher car li l-operat tal-provditur tas-servizz kien tali li dak li jkun interessat jixtri polza ma kellux triq ohra hlief li joqghod fuq dak li verbalment kien jghidlu s-*salesman* jew l-intermedjarju meta ma kienx hemm sistemi f'posthom sabiex jigi iccekkjat u kkontrollat dak li qed jaghmlu s-*salesmen* u l-intermedjarji.

***Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz***

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz ressaq *affidavit* ta' Malcolm Cachia, *Executive Director* fi hdan il-kumpanija.

Hu beda billi qal li l-polza li dwarha qed jitressaq dan l-ilment giet mixtrija tramite l-*broker* tal-ilmentatur, *Mediterranean Insurance Brokers Limited* (MIB) u, ghalhekk, spjega r-relazzjoni tal-provditur tas-servizz mal-MIB u r-relazzjoni tal-MIB mal-ilmentatur.

Tenna li l-MIB kienet qed tagixxi fil-kapacità ta' *brokers* u, allura, hija kienet fil-fatt l-agent tal-ilmentatur u, ghalhekk il-provditur mhux responsabbli ghall-azzjonijiet u ommissjonijiet tal-MIB *vis-á-vis* l-ilmentatur.

Qal li ilu fil-kamp tal-assikurazzjoni ghal xi 25 sena u dejjem tghallem li l-*broker* huwa l-agent tal-assikurat u mhux tal-kumpanija assikuratrici. Kompla jghid li ma jaghmilx sens li l-ilment gie mressaq kontra l-provditur tas-servizz, izda kellu jitressaq kontra l-MIB bhala l-*broker* tal-ilmentatur li assistih biex jakkwista din il-polza; izda, mhux talli hekk, talli l-ilmentatur innifsu ikkonferma illi huwa qatt ma kellem lill-*broker* dwar id-dizappunt tieghu fuq il-polza in kwistjoni. Sahaq li r-relazzjoni tal-provditur tas-servizz mal-ilmentatur hija rregolata limitatament mill-kuntratt tal-polza innifsu flimkien mal-*proposal form.*

Malcolm Cachia qal li minhabba li kwalunkwe allegati azzjonijiet u/jew ommissjonijiet li saru *da parte* tal-MIB *vis-á-vis* l-ilmentatur, hu ma kienx ser jikkummenta minhabba li l-provditur tas-servizz mhux responsabbli ghalihom, kif ukoll, minhabba li hu ma kienx prezenti fil-laqgha bejn il-*broker* u l-ilmentatur.

Tenna li Franco Azzopardi, il-persuna li biegh il-polza lill-ilmentatur, illum huwa mejjet. Izda, minkejja dan, hu ta spjegazzjoni dwar il-polza in kwistjoni. Qal li din fiha tliet karatteristici: i) *Convertible Term Assurance* ghal 30 sena; ii) *Endowment with Profits Policy* ghal 33 sena; u iii) *Waiver of Premiums.*

Hu afferma li kemm mill-*affidavit* tal-ilmentatur kif ukoll mill-kontroezami tieghu, hu kien fehem il-prodott li kien qed jixtri. Sahaq li l-parti li kienet maghrufa bhala *Convertible Term Assurance* kienet tip ta' *term policy* fejn l-ilmentatur kien jithallas is-*sum assured* jekk jigi nieqes bejn l-24 t'Ottubru1984, jigifieri meta tkun harget il-polza, sa qabel nofsinhar tal-24 t'Ottubru 2014, izda

ma jithallas xejn minn dik is-somma wara dan, liema somma kienet garantita u kienet tammonta ghal Lm25,000/€58,234.33.

Fid-data tal-maturità ta' din il-polza, l-ilmentatur ma kellu jistenna xejn minn dik is-somma, izda illi kieku hu kien qed jippretendi li xorta wahda jircievi dak l-ammont, allura, din it-tip ta' polza kienet tippermettilu li jikkonverti dik il-*Convertible Term Assurance* f'*Continuing Policy* minghajr ma jkollu ghalfejn jerga' jghaddi mit-testijiet medici li jkunu normalment rikjesti li jaghmel fil-kaz ta' hrug ta' poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja.

Permezz ta' ittra datata 6 t'Ottubru 2014, mahruga mill-provditur tas-servizz, l-ilmentatur inghata l-ghazla illi fl-24 t'Ottubru 2014 jikkonverti t-*Term Policy* f'*Continuing Policy*, liema konverzjoni ma kinitx ezercitata u, ghalhekk, hu awtomatikament irrinunzja ghal possibilità li jircievi s-somma ta' Lm25,000/ €58,234.33, wara l-24 t'Ottubru 2014, f'kaz ta' mewt jew maturità tal-polza.

Kompla billi qal li l-parti tal-polza li kienet maghrufa bhala l-*Endowment Assurance with Profits*, kienet maghmula mill-assikurazzjoni fuq il-hajja (*sum assured*) kif ukoll kien fiha element ta' investiment, li l-ghan ta' din il-parti tal-polza kien li tipprovdi pagament hieles mit-taxxa meta timmatura l-polza u beneficcju garantit pagabbli fil-kaz ta' mewt qabel il-maturità tal-polza.

L-ammont li seta' kien garantit fuq il-polza kien il-*Basic Sum Assured* ta' Lm2,000/€4,658.75 flimkien mal-*bonuses* (il-parti tal-investiment) li kienu iddikjarati matul is-snin u dawn kienu jithallsu meta timmatura l-polza jew f'kaz ta' mewt tal-ilmentatur wara nofsinhar tal-24 t'Ottubru 1984.

Din il-Basic Sum Assured kienet tithallas ukoll f'kaz ta' mewt qabel nofsinhar tal-24 t'Ottubru 2014 flimkien mal-*Convertible Term Assurance* fl-ammont ta' Lm25,000 u, *cioé,* f'dak il-kaz, l-ilmentatur kien jircievi Lm27,000 f'*basic sum assured.* Malcolm Cachia insista li l-provditur tas-servizz ottempra mal-obbligi kuntrattwali ghax lahaq l-ghanijiet tal-polza meta l-istess polza lahqet il-*maturity value* fl-ammont ta' €18,687.69 u, ghalhekk, dan huwa ammont hafna aktar mill-*Basic Sum Assured* ta' €4,658.75/Lm 2,000.

Hu qal li fil-kaz tal-*Endowment with Profits*, mas-*Sum Assured* fl-ammont ta' Lm2,000, eventwalment, beda jizdied ammont iehor li huwa l-parti tal-investiment u, ghaldaqstant, id-differenza bejn, min-naha wahda l-€4,685.75

(Lm2,000 *sum assured*) u dik li l-provditur tas-servizz offra lill-ilmentatur bhala *maturity value*, jigifieri, €18,687.69, hija l-parti tal-investiment tal-polza. Indika li l-provditur tas-servizz kien, kull ftit snin, johrog dak li huwa maghruf bhala *Illustration Table,* a bazi ta' xiex, is-*salesmen* u l-*brokers* setghu jikkalkolaw l-*estimated maturity value* tal-poloz mahruga mill-istess provditur tas-servizz li kienu qed ibieghu.

Kopja ta' din *Illustration Table* kienet tinghata lis-*salesmen* u l-*brokers* u kien abbazi ta' din biss li setghu jinghataw l-indikazzjonijiet dwar l-*estimated maturity value* lill-klijenti taghhom. Minn din l-*Illustration Table*, li hija l-unika dokument li kien applikabbli ghaz-zmien tal-hrug tal-polza u abbazi ta' xiex l-MIB setghet harget stimi dwar l-*estimated maturity value*, dan tal-ahhar kien fl-ammont ta' €31,866/Lm13,680, liema somma kienet ibbazata fuq ir-rati ta' dak iz-zmien, jigifieri 5% *per annum* tas-*sum assured* u 6% *per annum* tar-*reversionary bonuses*.

Malcolm Cauchi afferma li, ghalhekk, l-unika *estimated maturity value* li l-MIB setghet tikkomunika mieghu kien dan u zgur mhux l-ammont ta' €90,845 li huwa qed jippretendi ghax dan qatt ma seta' jirrizulta minn din l-*Illustration Table.* Tenna li, probabilment, li gara huwa li l-ilmentatur haseb illi kien ser jircievi l-ammont ta' €58,234.33 (Lm25,000) li kien pagabbli taht il-*Convertible Term Assurance,* flimkien mal-€31,866 (Lm13,680) li kien l-*estimated maturity value* pagabbli taht l-*Endowment with Profits* li flimkien jaghmlu €90,100.33. Dan filwaqt li enfasizza li l-*Illustration Table* tghid li l-*Maturity Values* indikati kienu *estimated* u, ghalhekk, l-ammont ta' €31,866 kien biss stima *(estimate* jew *illustration*) ibbazat fuq ir-rati ta' qligh li kienu qed jintuzaw dak iz-zmien u liema rati ma setghux ikunu garantiti. Dan anke minhabba illi kien ser ikun affettwat mill-prestazzjoni tal-investiment sottostanti.

B'referenza ghal dak allegat mill-ilmentatur fir-rigward tal-fatt li ma kienx hemm htiega mill-provditur tas-servizz sabiex johrog illustrazzjonijiet, Malcolm Cachia stqarr li l-provditur tas-servizz ma qalx illi MIB ma kellhiex ghalfejn tohrog l-illustrazzjonijiet, però, ma kienx hemm il-htiega illi l-istess provditur tas-servizz izomm kopja taghhom minhabba li dawn l-illustrazzjonijiet jinhargu *ai termini* ta' *Illustration Table* u, *semmai,* kienet l-MIB li kienet obbligata li tghaddi kopja tal-*Illustration* lill-ilmentatur u mhux il-provditur tas-servizz, minhabba li hu kien klijent tal-MIB meta nharget din il-polza.

Barra minn hekk, zied ukoll li l-polza in kwistjoni mhix xi tip ta’ polza ikkumplikata, partikolarment ghall-ilmentatur, li jikkonferma illi huwa fehem il-karatteristici taghha, fosthom, illi kien fiha element ta’ investiment. Fuq kollox, stqarr li l-ilmentatur kien u ghadu intiz fuq l-assikurazzjoni minhabba illi dak huwa xogholu.

Kien jahdem mal-MIB fiz-zmien tal-hrug tal-polza in kwistjoni u, ghalhekk, kellu access ghall-informazzjoni u d-dokumenti kollha, fosthom, ghall-*Illustration Table* imsemmija. Qal li, tenut kont tal-professjoni tal-ilmentatur, li hekk kif indikat fuq il-*proposal form* kien *insurance broker* meta nharget il-polza, u *Chartered Insurer* ta’ 35 sena, jirrifletti illi hu kellu livell ta’ intelligenza u gharfien dwar is-suggett bizzejjed sabiex jifhem id-distinzjoni bejn agent u *broker* u r-relazzjoni taghhom mal-assikurat; u illi l-ammont allegatament imwieghed lilu fl-ammont ta’ €90,854 kien hafna aktar mill-*estimated maturity value* fl-ammont ta’ €31,866.

Malcolm Cachia accenna ukoll li l-provditur tas-servizz m’ghandux obbligu *vis-á-vis* il-*brokers* , ghax il-*broker* huwa l-agent tal-assikurat u kwalunkwe diskors li sar bejn il-*broker* u l-assikurat mhux relevanti ghalih; izda, minghajr pregudizzju ghal dan, il-provditur tas-servixx dejjem agixxa bl-akbar *bona fede vis-á-vis* l-assikurati taghhom f’kull stadju, filwaqt li dejjem immanniggjat il-fond maghruf bhala 90:10 *With Profits Fund,* li l-*premium* tal-ilmentatur kien jaghmel parti minnu, fl-ahjar interess tad-detenturi tal-poloz.

Huwa stqarr li l-andament ta’ dan l-istess fond huwa kompletament u dejjem soggett ghal dawk il-kambjamenti u caqlieq ta’ valuri fis-swieq kemm finanzjarji, kemm ta’ proprjetà immobbli, u kif ukoll ohrajn illi gewwa fihom jinvesti l-provditur tas-servizz, u dan filwaqt li l-ebda indikazzjoni ta’ kif jista’ jizviluppa l-valur tal-investiment ma jista’ qatt jittiehed bhala vangelu u, kif jaf kulhadd, il-valur tal-investiment jista’ joghla kif ukoll jinzel u l-passat mhux garanzija tal-futur. Enfasizza ukoll li l-ilmentatur ghamel gwadann ta’ €9,278.33 ghax hallas *premium* fl-ammont ta’ €9,409.36 u l-*maturity value* ammonta ghal €18,687.69, u minkejja li l-*maturity value* huwa anqas mill-*estimated maturity value* indikat fuq l-*Illustration Table* fiz-zmien li kienet inharget il-polza, xorta wahda jista’ jinghad illi din il-polza kienet prodott ta’ investiment ghaqli tal-flus imhallsa fi *premium* mill-ilmentatur.

Malcolm Cachia qal ukoll li ta' kull sena, il-provditur tas-servizz dejjem zamm lill-ilmentatur mgharraf b'dak li kien qed jigri fid-dettall bl-andament tar-rati tal-imghax li kienu qeghdin jigu ikkreditati lill-polza billi fornietu bil-valuri attwali tal-polza permezz tal-*Bonus Statements,* liema *statements* kienu juru l-progressjoni fit-tkabbir tal-polza minn sena ghal sena; u l-ilmentatur kellu jkun konxju bis-shih dwar kif il-polza kienet qed tikber minn sena ghal sena.

Barra dawn l-i*statements,* il-provditur tas-servizz kien ukoll jibghat ittra lill-assikurati fejn jispjega fid-dettall dwar il-polza in kwistjoni u l-fond imsemmi. Sahaq li huwa car illi l-investiment tal-ilmentatur ma marx kif kien qed jindika l-*Illustration Table* u wisq anqas kif dan tal-ahhar kien qed jispera, u ghal dan ipprova jwahhal it-tort lill-provditur tas-servizz u jaghmel insinwazzjonijiet bla bazi u fiergha bhal ma saru fl-ilment u waqt il-proceduri tal-ilment.

Enfasizza ukoll li r-rati tal-*bonuses* offruti lill-ilmentatur huma dawk applikabbli u ugwali ghal kull wiehed mid-detenturi ta' poloz simili mahruga mill-istess provditur u, ghaldaqstant, l-ilmentatur mhux qed jigi ttrattat b'xi mod zvantaggjuz fil-konfront tad-detenturi tal-poloz l-ohra kollha.

**Konsiderazzjonijiet Ohra**

Skont ma jipprovdi l-Artikolu 19(3)(b) tal-Kap. 555, l-Arbitru, filwaqt li jrid jasal ghal dak li hu gust, ekwu u ragonevoli, jrid jaghmel dan skont '*ic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz'.*

Dan il-kaz fih il-partikolaritajiet tieghu u konsiderazzjoni importanti li jrid jaghmel l-Arbitru hija dik li jara x'kienu r-responsabbiltajiet tal-*broker* u tal-kumpanija assikuratrici f'dan il-kaz. Dan qed jinghad ghaliex filwaqt li l-ilmentatur jghid li galadarba l-kuntratt kien mal-*Eagle Star*, hija ghandha tassumi r-responsabbiltajiet kollha tal-fatti li graw.

Il-provditur tas-servizz jghid li hu kien responsabbli ghall-polza u ghall-*proposal form* u ma kienx hu, jew xi rapprezentant tieghu, li biegh il-polza izda kien il-*broker* tal-ilmentatur li ta t-taghrif, jew in-nuqqas tieghu, lill-ilmentatur u hu m'ghandux iwiegeb ghal dan.

Ghalhekk, galadarba tqajjem dan il-punt f'dan il-kaz partikolari, l-Arbitru jrid iqis l-aspett guridiku, **però, kif inhu inkwadrat fil-fatti speci ta' dan il-kaz**.

**Ir-Rwol tal-*Broker*/Assikurazzjoni**

Il-Qrati taghna ikkummentaw dwar ir-rwol li ghandu l-*broker* f'kuntratt ta' assikurazzjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet ***Atlas Insurance Limited et vs Malta Football Association*, deciza fit-23 ta' Jannar 2008,** qalet li:

'*L-Insurance Broker huwa mandatarju ta' l-assikurat. Huwa jghin biex jintlahaq ftehim mal-assikuratur bl-iskop li jigi assikurat riskju, tinhareg assikurazzjoni f'isem il-persuna assikurata, bil-weghda ta' indennizz jekk tigri l-haga msemmija fl-assikurazzjoni. L-Insurance Broker huwa l-mandatarju tal-assikurat u mhux tal-kumpanija ta' assikurazzjoni (ara Antonio Zammit vs Joseph Micallef tal-31 ta' Jannar 1952, XXXVI-III-610; u Anthony Vassallo vs Alfred S. Azzopardi nomine deciza fil-21/04/99)'.*

Hemm sentenzi ohra f'dan ir-rigward izda m'hemmx il-htiega li l-Arbitru joqghod jirrepeti ruhu. Però, huwa fatt stabbilit ukoll li l-funzjoni tal-*broker* huwa li jressaq lill-assikurat u lill-assikurazzjoni sabiex dawn jikkonkludu kuntratt ta' assikurazzjoni u, galadarba jsehh dan il-kuntratt, hija l-kumpanija assikuratrici li trid twiegeb jekk hi ma tonorax dak il-kuntratt.

Dan gie spjegat sew mill-Qorti tal-Appell[4] fejn qalet hekk:

'*Hu dottrinalment ricevut illi in linea generali l-ftehim ta' assigurazzjoni jaf il-bidu tieghu lid-dokument li kif inhu maghruf mill-istess nomenklatura tieghu jkun jikkontjieni proposta da parte tal-persuna li tkun trid tassigura li trid tidhol f'rapport ta' assigurazzjoni. Proposta din li una volta accettata mill-assiguratur tipperfezzjona l-kuntratt u tikkreja l-vinkolu kontrattwali."This proposal indicates the basis upon which the proposer is prepared to contract and it is up to the insurer to decide whether to provide cover, and if so, at what premium" – Ivamy (General Principles of Insurance, 4 th Ed. 1979, pagna 107). Il-proposta, u l-accettazzjoni taghha, jikkrejaw il-"consensus ad idem" u hu proprju ghalhekk illi l-kuntratt in ispecje hu meqjus bhala wiehed ta' "uberrimae fidae" u l-kontraenti ghandhom ikunu bil-massima bona fede meta jiffirmawh. In konsegwenza ta' dawn il-principji hu ormai ben saldat fil-gurisprudenza illi "l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil-"proposal form" (Kollez Vol. XLVI pII p656). Dan anke ghaliex il-*

[4] *Angelo Spiteri vs Citadel Insurance p.l.c.* QA (Inf), 28/04/2004

*proposal form hija ritenuta bhala parti integrali tal-polza ta' l-assigurazzjoni u, kwindi, dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza.' (Kollez Vol XXXVI pIII p610).*

Applikat dan kollu ghall-kaz in kwistjoni irid jigi ippruvat mill-ilmentatur fiex naqsitu l-kumpanija assikuratrici.

L-ilmentatur jghid li hu inghata informazzjoni u kwazi assikurazzjoni mill-'intermedjarju' 'jew '*salesman*' tal-assikurazzjoni li fid-data tal-maturità kellu jiehu s-somma globali ta' €90,854. Jghid li qallu dan kollu Franco Azzopardi li kien jahdem mal-MIB.

Irid jinghad li dan Franco illum hu mejjet, u kull gudikant irid jara li dak li jinghad fil-konfront ta' xi hadd li m'ghadux maghna ikun kemm jista' jkun korroborat ghaliex inkella kulhadd jista' jixhed li jrid minghajr ebda kontroll fil-konfront ta' xi hadd li ma jistax jittella' xhud mill-parti l-ohra. Ghalhekk kollox irid jitqieghed fil-kwadru wiesa' tal-fatti kollha u min jirrakkonta fatti u stqarrijiet fil-konfront ta' xi hadd mejjet irid jikorroborahom sal-grad li jikkonvinci moralment lill-gudikant.

L-ilmentatur donnu jaghti l-impressjoni li Franco Azzopardi bieghlu polza kif gib u lahaq. Jghid li beda jahdem il-figuri minn fuq xi ktieb li kellu u donnu ma spjegalu xejn hlief li semmielu l-figura ta' €90,854. Però, huwa fatt ukoll li kemm Franco, kif ukoll l-ilmentatur, kienu kollegi jahdmu fl-istess post tax-xoghol u huwa ferm probabbli li Franco Azzopardi ma kellu l-ebda interess li ma jaqdihx bl-ahjar mod possibbli bhala kollega.

L-ilmentatur jipprova jaghti l-impressjoni li hu kien jiddependi ghal kollox fuq Franco fil-mument tal-bejgh ghaliex skont hu kien sempliciment *clerk* ta' età zghira. Huwa minnu li meta xtara l-polza ma kellux l-esperjenza li ghandu llum Però, huwa kien jahdem fil-qasam tal-assikurazzjoni ma' kumpanija li kienet *insurance broker* u zgur li f'xi hin jew iehor sema' kif tahdem *endowment policy.* L-ilmentatur m'huwiex daqstant konsistenti wkoll f'kemm kien ilu jahdem f'dak ix-xoghol u filli jghid li kien ilu jahdem sena w nofs u fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid '*ftit xhur*'.

Jghid ukoll li hu ma kellux esperjenza fil-*life insurance* izda jistqarr li kien jahdem fil-*Marine Section* tal-MIB. Però, jibqa' l-fatt li meta tbiegh *life policy* u *marine*

*policy*, ghalkemm hemm differenza fin-natura tal-polza, xorta wahda hemm principji bazici li huma komuni u li jridu jigu segwiti. Fosthom, li min ibiegh polza jrid jaghti kopja taghha lill-assikurat u anke s-*schedule* li tkun maghha u kull dokument li jiffirma l-assikurat. Din hija prattika bazika li ssir f'kull bejgh.

Ghalhekk, l-Arbitru mhux konvint minn dak li jghid l-ilmentatur, li meta xtara l-polza hareg minn hdejn Franco b'idu f'idu u ma nghata l-ebda dokument. Anke jekk ma kienx jifhem fil-*life insurance* xorta wahda kellu taghrif bizzejjed ta' sena u nofs fil-qasam tal-assikurazzjoni li seta' jwasslu biex jitlob id-dokumenti kollha iffirmati minnu u anke jitlob spjegazzjoni shiha ta' kif kienet tahdem *endowment policy.* Filwaqt li l-ilmentatur jghid fl-*affidavit* tieghu li hu kien sempliciment *'clerk'* u donnu ma kien jifhem f'xejn, fil-kontroezami **jammetti li kien jaf xi prodott kien qed jixtri**:

'*Nghid li kont aware xi prodott kont qed nixtri'.*[5]

Huwa jitkellem ukoll dwar 'illustrazzjonijiet' li kien qed jurih Franco u illustrazzjonijiet fil-konfront tal-ilmentatur bhala bniedem li kien jahdem fl-assikurazzjoni ma jistghux jitqiesu xi forma ta' garanzija.

Dak li jghid l-ilmentatur li hu nizzel fil-*proposal form* li kien *Insurance Broker* imma, fil-fatt, kien *clerk*, lanqas ma huwa daqstant konvincenti. B'sena u nofs esperjenza fil-qasam tal-assikurazzjoni kellu jkun esperjenzat bizzejjed biex jifhem li dak li jitnizzel fil-*proposal form* ghandu jkun korrett peress li l-*proposal form* titqies parti mill-kuntratt.

Dwar dan il-Qorti[6] qalet hekk:

'*In konsegwenza ta' dawn il-principji hu ormai ben saldat fil-gurisprudenza illi "l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil- "proposal form" ("Kollez Vol. XLVI pII p656). Dan anke ghaliex il-proposal form hija ritenuta bhala parti integrali tal-polza ta' l-assigurazzjoni u, kwindi, dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza" (Kollez Vol XXXVI pIII p610)'*

---

[5] *A Fol*. 72
[6] *Angelo Spiteri vs Citadel Insurance p.l.c.,* QA (Inf), 28/04/2004

L-Arbitru m'ghandux dubju li l-ilmentatur kien qed jaghti informazzjoni korretta meta kien qed jixtri l-polza u, ghalhekk m'huwiex kaz li jitqies li d-dikjarazzjoni li ghamel fil-*proposal form* kellha xi skop li tqarraq. Ghalhekk, l-Arbitru jrid jimxi fuq dak miktub fil-*proposal form* u mhux dak li qed jghid illum l-ilmentatur f'ambjent li ma jista' jmerih hadd u wara 33 sena li ffirma dak id-dokument. A *tempo vergine,* l-ilmentatur iddikjara bil-miktub li kien *Insurance Broker*. U bhala tali , u anke bhala impjegat f'kumpanija li kienet toffri servizzi ta' assikurazzjoni, l-Arbitru ma jistax iqis lill-ilmentatur fuq l-istess livell li jqis klijenti *retail* ohrajn li ma jkollhom l-ebda idea ta' x'inhi *endowment policy* u kif tahdem u ma jkunux jafu x'laqathom.

L-ilmentatur stess jammetti li kien jaf kif tahdem *endowment policy* u kien jaf x'qed jixtri. Ghalhekk ma kienx gust dak li xehed in-kontroezami meta donnu ried jaghti x'jifhem li Franco Azzopardi ma kienx qed jagixxi b'*buona fede* meta kien qed ibieghlu l-polza:

'*Kieku ser nixtri polza llum naf ezattament x'irrid nistaqsi imma dak iz-zmien kont qed noqghod fuq il-buona fede tas-Sur Franco Azzopardi li dak li qed jghidli huwa minnu'.*[7]

L-Arbitru ma giex moralment konvint li Franco Azzopardi ma kienx qed jghid il-verità dwar il-polza ghaliex zgur li ma kellux interess li b'xi mod jahbi xi haga lill-ilmentatur li kien kollega tieghu.

Ghalhekk, l-Arbitru ma jistax jaccetta l-verzjoni tal-ilmentatur li meta kien qed isir il-bejgh ma inghatax stampa shiha ta' fiex kien qed jinvesti u, galadarba fi kliemu stess kien '*aware'* ta' xi prodott kien qed jixtri, ma kienx jiddependi totalment fuq Franco Azzopardi, illum mejjet, u ma jistax imerih.

Lanqas ma jirrizulta dak li jghid l-ilmentatur li fil-mument tal-bejgh gie imwieghed is-somma ta' Lm39,000 (ekwivalenti ghal Ewro90,854). Dwar dan, l-ilmentatur ma jgib l-ebda prova ghax kulma ipprezenta kienet is-*Schedule*[8] li ma taghti l-ebda indikazzjoni dwar l-*estimated maturity value* tal-polza jew dwar l-ammont li qed jitlob l-ilmentatur.

---

[7] *A Fol*. 72
[8] *A Fol*. 8

L-ilmentatur jghid biss li din is-somma intqalet lilu bil-fomm u inghatatlu fuq bicca karta li ramiha.

Barra minn hekk, fl-*affidavit* tieghu l-ilmentatur xehed:

'*Niftakar li kont gejt ipprezentat b'illustrazzjonijiet dwar l-element ta' investiment tal-polza b'alternattivi varji ta' ammonti mwieghda li jithallsu fid-data tal-maturità naturalment a bazi tas-somma assikurata u skont it-tul taz-zmien tal-polza.'*[9]

Waqt il-kontroezami[10] jghid li din l-*illustration* saret fuq bicca karta u hu ma talabx kopja taghha. Imbaghad, fil-konkluzjoni tal-*affidavit* tieghu jghid li din is-somma qalilu '*verbalment*'.

**L-ilmentatur ma gab l-ebda prova tangibbli ta' x'kienet il-weghda tal-*estimated maturity value* izda jghid li din inghatalu fuq bicca karta u ramiha.**

Ghall-Arbitru, il-verzjoni tal-provditur tas-servizz, li l-ilmentatur ma setax gie offrut bhala *estimated maturity value* is-somma ta' €90,854, hija aktar sostanzjata u kredibbli. Huma esebew id-dokument li fuqu kienu jinhadmu l-istimi dak iz-zmien,[11] li minnu johrog car li qatt ma setghet tinghata lilu xi weghda li jiehu l-ammont ta' €90,854. Ghalhekk, Franco Azzopardi la seta' u wisq anqas kellu interess li jivvinta xi stima minn zniedu biex jipprova jbiegh polza lill-kollega tieghu.

Ghalhekk, lanqas din l-allegazzjoni ta' weghda ta' dan l-ammont ma giet ippruvata, anzi dan l-ammont qatt ma seta' jigi imwieghed lilu.

Mill-provi prodotti mill-ilmentatur, l-Arbitru ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li kemm il-*broker* kif ukoll il-kumpanija assikuratrici kisru l-obbligazzjonijiet taghhom fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha msemmija f'din id-decizjoni, l-ilment m'huwiex gust, ekwu u ragonevoli u l-Arbitru ma jistax jilqghu.

[9] *A Fol*. 12
[10] *A Fol.* 72
[11] *A Fol.* 52

Peress li l-Arbitru cahad l-eccezzjonijiet preliminari tal-provditur tas-servizz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**